—Ħallini, sinjur... U jien qtiltu 'l dak, b'idejja... b'dawn l-idejn qtiltu 'l ibni... Min jaf kemm tħabatt bih u issa gejt noqtlu jien...

Il-biki u l-krib ta' dik l-omm imdejqa ma qata' xejn, ħlief biex kulltant tmur tbus għal l-aħħar darba xofftejn binha diġa' kiesħa jew biex toqgħod titlob quddiem xi xbieha tad-Duluri.

Għall-ħabta tad-disgħa, il-kappillan ħareġ, bagħtilha tnejn mill-ġara u mar iġib il-Grieżma. Waħda minn dawk in-nisa poġġiet ħdejn ras it-tifel, kulltant ixxarrablu xofftejh b'maktur miblul u timsaħlu l-għaraq kiesaħ; l-oħra warrbet kemm satgħet lil Katrina minn ħdejn binha u bdiet tfarrġilha qalbha. Xi nofs siegħa wara raġa' wasal il-kappillan ma' żewġt itfal lebsin l-aħmar; u l-omm, xħin rathom, mill-ġdid raġgħet bkiet u għajtet.

Il-kappillan sikkitha. Qabad biċċa tajjara, ċappasha biż-żejt imbierek u biha għamel salib fuq moħħ it-tifel. U t-talba tal-kappillan, fis-skiet tal-kamra, inxerdet ma' dwaru u ntfiet bil-mod il-mod fix-xejn. Katrina dehrilha q'ed tara t-talba tal-kappillan tielgħa 'l fuq il fuq sa ma għaddiet is-sħab u leħqet l-ogħla smewwiet; dehrilha q'ed tara l-Anġli jagħmlu żewġ ġwienaħ tar-rix tad-deheb għattifel tagħha u rathom ukoll jifirxu triq tal-ward u vjoli, li mis-sema bdiet nieżla u titwal sad-dar tagħha.

Il-kappillan kompla l-Grieżma: diliklu xofftejh, bittajjara mbierka, diliklu għajnejh, idejh. widnejh u saqajh. Xħin spiċċa, rafa' idu u taħ il-barka, u qagħad jistennih jieħu l-aħħar nifs. Ommu qagħdet in-naħa l-oħra ħdejn ras it-tifel u b'għajnejha ċassi lejn xofftejh, minngħajr ma xerrdet demgħa, stennietu jmur jilħaq l-Anġli l-oħra. Wara ftit, Toninu bexxaq ħalqu u mejjel rasu: miet!

Għal l-ewwel Katrina baqgħet tħares lejh, bla ma tħarrket, bla ma ħadet nifs. Iżda xħin ftakret x'kien ifisser dak li rat, li binha għaliha kien mitluf, bdiet twerżaq u tħabbatt bla ħniena fuq sidirha.

—U qtiltu jien... qtiltu jien...

Il-gidja, mill-maqjel, refgħet rasha 'l fuq u bdiet tgħajjat: Meeeeq... meeeeq... forsi biex tgħid 'l ommu li hija wkoll kellha sehem fil-mewt ta' Toninu.

Tama

**Ġużê Bonnici**
35, Sda. Alessandro, Valletta.

# POËTA

*Lil* Rosarju Briffa
*ta' l"-Epithalamion"*

ĠIBULI R-RAND, ir-rand li jħaddar dejjem,
ħa nqiegħed żewġ rimjiet bl-ilma xebgħana
dwar ir-ras taż-żagħżugħ poëta tagħna.

Kif l-ilma ġieri minn ġol-blat ifawwar
ħafif u bnin, hekk ħelu jġelben l-għana
minn sider iż-żagħżugħ poëta tagħna:

Sebaħ jittajjar bħal għasfur qalbieni
u mill-għoli tas-sħab leħnu semmagħna
—leħnu safi—ż-żagħżugħ poëta tagħna.

Imwiegħra l-għolja, naf, tal-Poëżija:
iżd'inti tiela', w-Alla dejjem magħna;
għaddi l-quddiem, żagħżugħ poëta tagħna.

Ħobb is-sewwa w-tibżâx: kelmtek sabiħa
ġejja mis-sema w-lejn Alla tarfagħna:
ilbes ir-rand, żagħżugħ poëta tagħna.

**Dun Karm.**

17-3-27.